MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-17 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 482/2011

**Mario Cutajar li ghandu l-karta tal-identita' numru 389482M**

**vs**

Paul Micallef li ghandu l-karta tal-identita' numru 208960M

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ l-Attur qed jitlob m'ghand il-Konvenut il-hlas ta' elfejn, disa' mija u sebghin Ewro tnejn u tmenin centezmi (€2,970.82c) ghal xoghol ta' manutenzjoni fuq skuna. Ghal dan tressqet RISPOSTA li fiha l-Konvenut qal li t-talba hi nfondata fil-fatt u fid-dritt. Ix-xoghol ma sarx skont l-arti u s-sengha u l-Konvenut sofra danni.

**Ra** li billi f'dan il-kaz hemm involuti punti teknici, fuq talba tal-istess partijiet, l-Inginier Anthony Dalli gie mahtur espert tekniku. Dana b'degriet moghti fl-udjenza tal-21 ta' Novembru 2012 (*a fol* 59).

II PROVI

1. Hawn qed jingiebu siltiet biss mill-provi li jitqiesu fuq dak kollu li hemm fil-process – xhieda u dokumenti – kif ukoll, senjetament ir-Rapport tal-perit

tekniku Anthony Dalli. Hemm ukoll id-domandi li saru lill-perit wara t-tlestija tar-rapport u finalment in-Nota ta' Osservazzjonijiet elaborata ta' kull naha.

2. Il-kwistjoni hi dwar tiswija fuq dghajjsa tas-sajd tal-injam, is-*Sea Hunt 2,* twila 19.2m, mibnija fl-1980. Ix-xoghol, mitlub mill-Konvenut lill-Attur sar f'Jannar 2011 fil-port ta' Marsaxlokk u l-espert tekniku zamm l-access fuq l-opra tal-bahar fil-Maghluqa, M'Xlokk. Dana fil-prezenza tal-partijiet u d-difensuri.

3. L-espert tekniku ha konjizzjoni tax-xhieda moghtija (*viva voce* jew b'affidavit) mill-kontendenti kif ukoll dik moghtija minn Sandro Serra kaptan tad-dghajjsa li spjega kif meta kien fuq il-bahar (hu kellu tnejn Taljani mieghu) – dana "Jannar jew Frar 2011" hass problema fil-makna tan-nofs, cempel lis-sid (il-Konvenut) u dahlu l-art u hawn beda x-xoghol minn naha tal-Attur, imqabbad mill-Konvenut.

4. Skond il-Konvenut id-dghajjsa kellha makna tan-nofs, makna tal-lemin (li kienet ilha madwar sena u nofs bil-hsara) u ohra tax-xellug tahdem tajjeb. Hawn ta' min jinnota li fir-Rapport tieghu il-perit semma li fl-access il-kontendenti "kwazi bdew jiggieldu" u wara li wissihom li kien ser jitlaq, waqfu. Tlewwmu ghax ma qablux fuq liema makna l-Attur beda x-xoghol.

5. Fir-Rapport tieghu l-espert tenna fid-dettal ix-xhieda taz-zewg nahat dwar hsara u azzjoni rimedjali. Anke dak li sama minghand John Falzon, mekkanik li Sandro Serra qal, fl-affidavit tieghu, li l-Konvenut kien hadu fuq dghajjsa biex jara x'kien ghamel l-Attur. Dan "f'siegha u nofs irranga kollox u fil-fatt id-dghajjsa minn dakinhar sal-lum ma tatniex aktar problemi". Zied li l-Konvenut lill-Attur "ried ihallsu €500 tal-jumejn li kien tilef – izda dan irrifjuta".

## III KONSIDERAZZJONIJIET

1. Hu maghruf li meta jkun hemm fin-nofs kwistjoni teknika, il-gudikant joqghod fuq l-analisi u l-konkluzzjonijiet li jkun wasal ghalihom l-espert tekniku mqabbad mill-Qorti (hawn TRIBUNAL) sakemm ma jkunx hemm raguni serja li ggieghel lill-gudikant iwarrab b'xi mod (*in toto* jew *in parte*) mir-Rapport ghax finalment id-decizjoni dwar il-vertenza nvoluta hi tal-gudikant.

2. It-TRIBUNAL jinnota dak li hemm fir-Rapport dwar ir-rimedju adottat ghall-hsara u jqis ukoll ir-rata ta' hlas fis-siegha mitlub. Hawn wiehed jinnota li l-hlas ta' €35.00 fis-siegha li talab l-Attur tqies ragjonevoli mill-espert.

3. L-espert waqt li qal (fir-rigward tal-magna tal-lemin) li "fl-opinjoni teighi, Mario ghandu jithallas tax-xoghol kollu li ghamel fuq il-magna kif ukoll tal-materjal li xtara" u li "ghandu jitnaqqas 6 sieghat mit-total ta' 45.5hrs". Fir-rigward tal-magna tan-nofs l-espert semma li saru sieghat ta' xoghol aktar milli

jinghad li saru billi kienu jkunu mehtiega anqas sieghat milli fil-fatt jinghad li nhadmu.

4. Hu notat li l-perit ma semmiex *quantum* car u tond vis-à-vis dak mitlub fl-AVVIZ. Hawn it-TRIBUNAL idur ghall-kriterja tal-*arbitrio boni viri*. Hemm ukoll il-gwida tal-ekwita' li t-TRIBUNAL mistenni minnu statutorjament li jqis.

5. Waa debita riflessjoni u wara li qies kollox it-TRIBUNAL jilqa t-Talba Attrici fil-quantum ta' elfejn ewro €2,000.00c)

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi (1) **jilqa** t-TALBA Attrici fil-*quantum* ta' elfejn Ewro (€2,000.00c) u jichadha dwar il-bqija (2) **jichad** l-eccezjoni tal-Konvenut in kwantu inkompatibbli ma dak deciz dwar *quantum* milqugh (3) **jordna** lill-Konvenut ihallas lill-Attur l-€2,000.00 imsemmija u dana fi zmien tletin jum mil-lum u jekk dan ma jsirx jibda ghaddej l-imghax mil-lum sal-jum tal-pagament effettiv u (4) **jordna** li l-ispejjes tal-kawza (inkluzi tal-perizja) u dawk l-ohra mitluba fl-AVVIZ jigu sopportati terz mill-Attur u zewg terzi mill-Konvenut

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------